MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 790/2001/1

**Brian BALDACCHINO**

**vs**

**Anthony SALIBA**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-ċitazzjoni mressaq bil-proċedura sommarja speċjali fis-7 ta’ Mejju, 2001, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li l-imħarrek iħallsu erbat elef tliet mija u sitta u sittin lira Maltija (Lm 4366) bħala bilanċ ta’ prezz ta’ karozza lilu mibjugħa u konsenjata;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-1 ta’ Ġunju, 2001[1], li bih tat lill-imħarrek il-jedd li jikkontesta l-kawża mressqa kontrih;

[1] Paġ. 30 tal-proċess

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrek fl-4 ta' Ġunju, 2001, li biha laqa' għat-talba attriċi billi qal li ma kellu jħallas xejn għaliex il-karozza kellha difetti li ma jagħmluhiex tajba li tinsaq fuq it-triq;

Rat id-degriet mogħti wkoll fl-imsemmi smigħ tal-1 ta' Ġunju, 2001, li bih Joseph Żammit inħatar bħala espert tekniku biex ifittex u jirrelata dwar l-ilment imqanqal mill-imħarrek;

Rat ir-Relazzjoni mressqa mill-imsemmi perit tekniku fl-10 ta' Novembru, 2003[2], minnu maħlufa kif imiss waqt is-smigħ tas-26 ta' Frar, 2004;

Semgħet lill-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha tat-28 ta' Ottubru, 2004, tat-22 ta' Marzu, 2005, u tal-14 ta' April, 2005, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża għall-ħlas ta' bilanċ ta' prezz ta' karozza mibjugħa. L-attur, li jinnegozja fil-karozzi, biegħ bin-nifs lill-imħarrek karozza wżata tal-għamla *Hyundai Sonata* u reġistrata bin-numru BAB-296, iżda l-imħarrek ħallas biss *instalment* wieħed. L-attur qiegħed ifittex lill-imħarrek għall-ħlas tal-bilanċ;

Illi l-imħarrek laqa' għal din l-azzjoni billi qiegħed jgħid li ma għandu jħallas xejn għaliex il-karozza lilu mibjugħa hi milquta b'difetti li jagħmluha mhix tajba biex tkun fuq it-triq;

Illi, mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li f'Mejju tal-1999, l-attur biegħ bin-nifs lill-imħarrek karozza tal-għamla *Mazda 323*, bil-patti u l-kundizzjonijiet hemm

[2] Paġġ. 45 sa 66 tal-proċess

miftehma u bil-prezz ta' Lm 4700[3]. Wara li ħabat biha u waqt li kien għadu qed iħallasha, l-imħarrek reġa' mar għand l-attur u ftehmu biex ibegħlu l-karozza mertu tal-każ. Dan it-tieni ftehim sar fl-għamla ta' tpartit (*part exchange*) fid-9 ta' Diċembru tal-2000[4]. Fit-18 ta' Diċembru, 2000[5], sar il-ftehim li bih il-ħlas tal-bilanċ ta' erbat elef u ħames mitt lira Maltija (Lm 4,500) li kien fadal kellhom jitħallsu b'rati ta' kull xahar minn dak inhar permezz ta' kambjali. L-imħarrek ħallas biss l-iskadenza ta' Jannar tal-2001, u waqaf. Il-kawża nfetħet fis-7 ta' Mejju, 2001;

Illi l-kunsiderazzjonijiet ta' dritt li jirrigwardaw il-każ iduru kollha mal-aspett tal-għamla ta' kuntratt li sar bejn il-partijiet. In-negozju kien wieħed ta' bejgħ ta' mobbli li x-xerrej kien jaf li kien diġa' wżat. Il-fatt waħdu li l-ftehim kien wieħed ta' tpartit jew kważi-tpartit ma jibdel xejn mill-applikabilita' tar-regoli tal-kuntratt tal-bejgħ għal dan in-negozju wkoll[6] Kemm hu hekk jirriżulta li l-karozza mertu tal-każ kienet il-vettura privata personali ta' mart l-attur u, għall-ewwel, ma kinitx għall-bejgħ[7]. Jirriżultaw imwettqa l-elementi tal-qbil fuq l-oġġett, il-prezz u l-kunsinna, li huma elementi kostitutivi tal-kuntratt tal-bejgħ[8]. L-imħarrek wera li aċċetta r-rabta tal-kuntratt għaliex wettaq ukoll ħlas akkont;

Illi minn hemm 'il quddiem, kien jaqa' fuq l-imħarrek li jiġġustifika għaliex ma kellux iħallas il-bqija tal-prezz. Biex jagħmel dan, huwa qanqal il-kwestjoni tal-ħsara jew difett fil-karozza minnu miksuba. Din il-linja ta' difiża, fil-każ preżenti, ma tirriżultax mistħoqqa la mill-aspett legali u wisq anqas mill-aspett fattwali tekniku;

Illi fl-ewwel lok irid jingħad li x-xilja li l-ħaġa mibjugħa hija milquta minn difetti jew nuqqasijiet li ma jagħmluhiex tajba għall-iskop li għaliha nxtrat hija waħda ta' għamla redibitorja. Issa huwa mgħallem li x-xerrej ma jistax jilqa'

[3] Dok "BB1", f'paġ. 104 tal-proċess
[4] Dok "BB3", f'paġ. 106 tal-proċess
[5] Dok "A", f'paġġ. 5-6 tal-proċess
[6] Artt. 1485(2) u 1493 tal-Kap 16
[7] Xhieda tal-attur 18.11.2002, f'paġ. 95 tal-proċess
[8] Artt. 1347 u 1380 tal-Kap 16

għat-talba tal-ħlas mill-bejjiegħ billi jqanqal id-difiża redibitorja permezz ta' eċċezzjoni. Jeħtieġ li x-xerrej iressaq l-ilment tiegħu permezz tal-azzjoni xierqa fiż-żmien mogħti mil-liġi[9]. Mela, minn dan l-aspett, l-eċċezzjoni ewlenija tal-imħarrek ma tistax trieġi;

Illi, fit-tieni lok, fil-kitba li saret bejn l-attur u l-imħarrek, hemm dikjarazzjoni[10] fis-sens li x-xerrej laqa' għandu l-karozza u li kien soddisfatt biha. Huwa minnu li, f'każ ta' bejgħ, dikjarazzjoni bħal dik minn persuna li tkun għamlet il-verifiki xierqa, xorta waħda ma tagħlaqx il-possibilita' li jista' jkun hemm difetti mistura. Hawn ukoll, madankollu, kien id-dmir tax-xerrej li, jekk u meta tali difetti ntebaħ bihom, messu ħa fi żmien utli l-passi legali li kienu miftuħin għalih u mhux qabad u żamm il-ħlasijiet. Minbarra dan, fejn il-ħaġa li hija l-oġġett tal-bejgħ kien magħruf li ma kinitx ġdida fjamanta, imma ħaġa li diġa kienet użata (*second hand*), huwa mistenni li l-kundizzjoni tagħha ma tistax titqabbel ma' dik ta' ħaġa ġdida u l-possibilita' li jkollha nuqqasijiet tkun ukoll waħda akbar[11];

Illi, fit-tielet lok, jirriżulta li l-imħarrek żamm il-karozza għandu u naqas li jiddepożitaha jew iroddha lura lill-attur, kif kien għamel fil-każ tal-ewwel karozza li kien xtara mingħandu. Mhux mogħti lil xerrej li, meta jintalab iħallas il-prezz tal-ħaġa mixtrija mingħand il-bejjiegħ, jallega d-difetti jew in-nuqqas tal-kwalita' miftehma, u jibqa' jżomm għandu l-istess ħaġa mibjugħa[12]. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, jirriżulta li l-imħarrek mhux biss żamm għandu il-karozza, iżda wżaha wkoll;

Illi, fir-raba' lok, lanqas jidher mistħoqq l-ilment tal-imħarrek mill-aspett tekniku. Il-perit tekniku kien kategoriku biex jgħid li, wara li fela b'reqqa l-karozza u darha sewwa u kif ukoll saqha, ma ħareġ l-ebda wieħed mid-difetti lmentati mill-imħarrek. Mhux hekk biss, iżda wera wkoll li wieħed mill-ilmenti (il-konsum għoli tal-*fuel*)

---

[9] Ara, per eżempju, P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Borġ et vs John Falzon***
[10] Klawsola 3, paġ, 5 tal-proċess
[11] Ara, per eżempju, P.A. TM **19.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Rita Sultana pro et noe vs Michael Borġ Cardona***
[12] Ara, per eżempju, P.A. TM **3.10.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Rudolph Ragonesi noe vs Paul Buffa et noe***, u App. Inf. **20.10.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Apex Interiors Ltd. vs Martin Camilleri***

kien saħansitra fattur inerenti tal-għamla ta' mudell innifsu u mhux difett;

Illi għalkemm fil-kitba li saret bejn il-partijiet jingħad li x-xerrej kellu jħallas erba' mitt lira (Lm 400) mal-konsenja, jidher li tali depożitu ma tħallasx. Dan qiegħed jingħad għaliex, skond l-imsemmija kitba, il-bilanċ li kellu jitħallas bin-nifs kien ta' Lm 4100, liema ammont jisboq dak mitlub fl-Att taċ-Ċitazzjoni, minkejja li kienet tħallset ukoll skadenza waħda ta' Lm 133.74. Dwar din iċ-ċirkostanza, l-ebda waħda mill-partijiet ma' għamlet kjarifika, iżda jidher li tista' ssir inferenza soda dwar dan meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi li fihom saret it-tieni kitba, u jiġifieri li dan kien negozju li ssawwar fuq ieħor li kien seħħ qabel, tant li l-ftehim tad-9 ta' Diċembru, 2000, jitkellem dwar "żieda ta' one thousand" liri;

Illi, mill-bqija, l-imħarrek ma ressaq l-ebda kontestazzjoni dwar l-ammont li l-attur qiegħed jitlob f'din il-kawża;

Illi, fid-dawl ta' dawn il-kostatazzjonijiet, il-Qorti ssib li t-talba attriċi tirriżulta mistħoqqa;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

Filwaqt li **tastjeni milli tqis l-ewwel talba** u dan fid-dawl tad-degriet mogħti fl-1 ta' Ġunju, 2001;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi, u b'hekk tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-imħarrek** u tikkundanna lill-istess imħarrek iħallas lill-attur is-somma ta' erbat elef tliet mija u sitta u sittin lira Maltija (Lm 4366) li tirrappreżenta l-bilanċ ta' prezz ta' karozza lilu mibjugħa u konsenjata mill-istess attur; u

**Tikkundanna** lill-imħarrek biex iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'effett mis-7 ta' Mejju, 2001, sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------